**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta' Ottubru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 291 / 14RGM

Kawza fil-lista: 24

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-3 ta' Lulju 1998 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg.

2. Illi z-zwieg kien ivvizjat stante li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-parti l-ohra kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet jew d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(l)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponent titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Lulju 1998.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi l-esponent jaqbel li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-3 ta’ Lulju 1998 huwa null, ghar-ragunijiet indikati fit-tieni u tielet paragrafu tar-rikors mahluf imputabbli pero’ unikament lill-attrici. Ghaldaqstant l-esponent m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ din il-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez.

Rat l-affidavit ta' l-attrici a fol 3 tal-process.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' April 2015, li permezz tieghu innominat bhala esperta gudizzjarja lill-psikologa Carmen Sammut sabiex tirrelata dwar it-tielet premessa fir-rikors guramentat u r-risposta tal-konvenut.

Rat in-nota tal-attrici tal-21 ta' April 2015, li biha pprezentat l-affidavit ta' Cine Ann B u ta' omm l-attrici Carmen B a fol 17 et seq.

Rat ir-rapport mahluf tal-psikologa Carmen Sammut pprezentat fis-26 ta' Ottubru 2015 (fol 34 et seq).

Rat in-nota tal-konvenut tat-13 ta' April 2016 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess a fol 53 et seq.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia li gie nominat fit-28 ta' April 2016 sabiex jisma` l-kontro-ezamijiet tal-partijiet.

Rat li waqt l-udjenza tat-30 ta' Gunju 2016, il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx iktar provi u lanqas kontro-ezamijiet x'jaghmlu u ghalhekk talbu li l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat:

PROVI TAL-ATTRICI

Fl-affidavit taghha **l-attrici** tixhed, inter alia, illi hija kienet iltaqghet mal-konvenut meta kellha dsatax-il sena meta kienet tahdem gewwa l-Ghassa tal-Mosta u hu kien surgent hemmhekk. Tghid li bdew jiffrekwentaw lil xulxin fil-ftit hin li ma kienux ikunu xoghol. Tghid li fl-ewwel ftit xhur li kienu johorgu flimkien hu kien ukoll jiffrekwenta lil wahda Charmaine Ebejer. Tghid li hi qatt ma kellha xi gibda partikolari lejh. Wara xi sena li kienu flimkien, harget tqila u l-konvenut ma riedx it-tarbija tant li riedha tnehhiha. Tghid ukoll li l-familja tieghu qatt ma laqawha u accettawha. Tghid li la zitu u lanqas huh qatt ma accettawha u meta zewweg huh, ma riedx lit-tifel taghhom ghat-tieg.

Tghid li tul it-tqala hi kienet tghix mal-genituri taghha filwaqt li l-konvenut kien jghix mal-genituri tieghu jew ma' zitu. Tghid li l-konvenut ma kienx qal lill-familja tieghu li kienet tqila filwaqt li lill-kollegi kien jghidilhom li ntefhet bl-ilma. Tghid li kien jghidilha titla` fuq il-mutur jew tixrob il-gin biex tnehhi t-tarbija. Tghid li hu ried li t-tarbija titwieled Ghawdex u hekk kien. Tghid li meta nizlu lura Malta kienu l-genituri taghha li xtrawlha l-bzonnijiet ghat-tifel, fosthom pushchair.

Tghid li hija ma riditx tizzewgu ghax qatt ma kienet thobbu u hu kien qalilha li kien ahjar jekk jizzewwgu ghaliex jghidu bihom in-nies.

Tghid li huma ddecidew li jizzewgu fis-sena 2008[1] u l-konvenut ma riedx johrog flus u ried li jhallas kollox missier l-attrici. Tghid ukoll li kellhom glieda kbira ghaliex il-konvenut ma riedx lil binhom li dak iz-zmien kellu sena u nofs ghat-tieg.

Tghid li wara z-zwieg hi xorta baqghet tghix ma' ommha u gieli l-konvenut kien idum granet shah ma jmur jara lit-tifel. Xi xhur wara kienu ddecidew li jixtru post il-Mosta. Tghid li l-hajja matrionjali taghhom kienet inezistenti u ma kienx jikkontribwixxi ghad-dar u ghall-manteniment tat-tifel. Tghid li xorta baqa` jorqod ghand ommu jew ghand iz-zija. Tghid ukoll li x-xewqa tieghu kienet dejjem li jidhol qassis u sabet ittra d-dar fejn hu kien kiteb lill-Kurja sabiex jidhol qassis izda kienet giet lilu rifjutata habba li kellu t-tifel.

Tghid ukoll li l-hajja sesswali taghhom kienet inezistenti. Qabel iz-zwieg ghamlu l-att sesswali xi erbgha darbiet u wara z-zwieg l-istess, u meta l-konvenut kien imur id-dar u jersaq lejha hi kienet tirrifjuta ghax kienet thossu barrani.

1 Il-Qorti tosserva mic-certifikat taz-zwieg (fol 5) il-partijiet izewwgu fis-sena 1998, u ghalhekk jidher li dan huwa zball kalligrafiku tal-attrici.

Tghid li tant kienu barranin ghal xulxin li t-tifel ma jafx min huma z-zijiet u l-kugini tieghu. Tghid li ghamlet zball li accettat li tizzewweg ghaliex kieku kienet taf x'kien iz-zwieg u x'kien il-karattur tal-konvenut, zgur ma kinitx tiehu l-pass.

Tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 18) **Cine Ann B**, habiba tal-attrici, li tghid inter alia, illi surgent iehor jismu Jimmy kien qal lill-attrici quddiemha, illi l-konvenut u certu Charmaine Ebejer kienu qed jiffrekwentaw lil xulxin anke wara li l-partijiet bdew johorgu flimkien. Tghid li l-attrici kienet staqsietu quddiemha dwar dan u hu qalilha li din Charmaine kienet baqghet iffissata fuqu, u l-attrici emmnitu u kompliet ir-relazzjoni mieghu.

Tghid li ftit xhur wara l-attrici kienet harget tqila u minflok ha pjacir, il-konvenut kien qalilha li ma setax kien tieghu ghaliex ma setax ikollu tfal. Tghid li l-attrici kienet cemplitilha tibki, u li kienet marret maghha sabiex taghmel izjed pregnancy tests ghaliex l-konvenut kien qalilha li forsi kien hemm zball.

Tghid li ghall-vizti kienu jmorru maghha dejjem hi u l-mama` taghha. Tghid ukoll li A kienet tghidilha li l-konvenut kien riedha titlef it-tarbija. Tghid li darba hi ghamlet ghalih ghaliex kien mar ghall-attrici bil-lambretta waqt li kienet tqila, u hu qalilha li bil-lambretta jiffranka l-petrol u forsi t-tarbija titlaq minn fejn giet.

Tghid li meta beda jasal iz-zmien li titwieled it-tarbija l-konvenut kien talabha sabiex tirrangalhom biex twelled it-tarbija go Ghawdex halli ma jkunux jafuhom nies. Hi qaltlu biex jitkellimha mal-attrici u filfatt hekk ghamlu. Tghid li meta twieldet it-tarbija l-konvenut ma cempel lil hadd biex javzahom li kienet twieldet, u meta marret tara lill-attrici u lit-tarbija d-dar, hija semghet lil missier l-attrici jirringrazzja lil Mulej li t-tarbija kienet waslet b'wicc il-gid wara dak kollu li kienu ghaddew minnu. Tghid ukoll li kienet marret mal-attrici sabiex jaghmlu l-arrangamenti ghal maghmudija privata ghaliex il-konvenut ma riedx li l-Mosta kollha ssir taf li kellu tarbija.

Tghid li pulizija jismu Leli darba kien qalilha biex tafza lill-attrici biex ma tibniex kastelli fl-arja ghaliex l-konvenut kien qed jghidilhom li t-tarbija ma hijiex tieghu.

Tghid li darba kienet qeghdha d-dar ghand missier l-attrici u din kienet talbet lill-konvenut igib hobza tal-Malti mieghu. Meta gie lura kien talabha 11cents tal-hobza u ghamel xenata u beda jsabbat mal-poggaman u qalilha li kienet se tpattiha qares jekk ma taghtihx il-flus lura. Tghid li hi stess qabdet 11cents u tefathomlu minn fuq ghal isfel, fejn hu gabarhom u telaq 'l barra.

Tghid li lilha kienu serqulha l-karozza u meta ghamlet rapport inzerta kien hemm il-konvenut xoghol. Tghid li ftit tal-hin wara kien cemplilha u qalilha li l-karozza nstabet in-Naxxar. Meta qaltlu li kienet ser issaqsi lill-attrici sabiex ittellaghha hi,

kien talabha bil-hniena biex ma tiehux lill-attrici hemm ghaliex inkella kulhadd kien ser jara lit-tifel.

Tghid li dwar iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tiftakar li l-konvenut ma riedx jonfoq flus fi crieket tat-tieg u filfatt hu kien izzewweg bic-curkett ta' xi hadd mill-genituri tieghu filwaqt li l-attrici kienet xtratulha habiba taghha jisimha Dorothy. Tghid li omm u missier l-attrici kienu hallsu hafna mill-ispejjez, u l-konvenut kien ghamel il-cake hu izda mill-Corinthia kienu cemplulha ghaliex bil-mod kif kien pprezentat kien ser jaqalhom il-livell tal-lukanda. Tghid li l-konvenut ma stieden lill-hadd mill-familja tieghu ghat-tieg, u li z-zija tieghu kienet ostili lejha.

Tghid li lanqas ghal *birthday parties* tat-tifel ma kien imur il-konvenut. Tirrakonta tliet okkazjonijiet fejn il-konvenut kien hareg mal-attrici u binhom u hallihom hemm wahedhom. Tghid ukoll li l-partijiet kienu marru ghal *Family Therapy* tal-gvern izda l-konvenut ma kienx qed jikkopera u ghalhekk it-terapista kienet qaltlilha li ma setghux ikomplu.

Tghid li hi u l-attrici kienu raw lill-konvenut diehel id-dar ta' habib tal-konvenut gewwa l-Mosta. Tghid ukoll li spiss inzertaw lil dan ir-ragel diehel l-Ghassa tal-Mosta waqt is-shift tal-konvenut u meta darba dahlu warajh, il-konvenut kien hareg mill-ufficcju jimbotta lill-attrici ‘l barra. Tghid li kienu jinnutaw lil dan ir-ragel liebes qliezet tas-sajf tal-pulizija li timmagina li kien tahomlu l-konvenut.

Hija tirrakonta episodju fejn kienu marru riceviment il-Kunsill Lokali tal-Mosta u sabu lill-konvenut hemmhekk, ghalkemm kien qal lill-attrici li kien ser ikun xoghol fuq rapport importanti. Tghid ukoll li kien hemm drabi fejn il-konvenut kien jidhol ghal affarijiet imbaghad ma jhallasx ghalihom.

Tghid li hija gieli semghet lill-konvenut jitkellem hazin jew jidghi waqt li jilletika mal-attrici u ghalhekk tghid li dan ma jaqbilx mad-dehra li jipprova jaghti tieghu innifsu. Tghid li darba l-attrici kienet sabet ittra minghand qassis li fiha kien hemm spjegat li ma setax isir qassis ghaliex kien missier. Tghid li meta qrawha hi u l-attrici ndunaw li l-accenn kien dwar il-fatt li xtaq isir qassis.

Tghid li hi taraha kontradizzjoni li l-konvenut kien dejjem lest jghin lin-nies izda mbaghad kien daqshekk iebes ma' ibnu u ma' martu.

**Carmen B**, omm l-attrici tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 25) u tghid inter alia, illi ghat-tieg il-konvenut ma riedx jistieden familjari ghaliex ma riedx li jsiru jafu li kellu tifel. Stieden biss lil huh li qaghad xhud u lil habib wiehed. Tghid li ma riedx johrog flus ghat-tieg u anke l-cake kien ghamlu hu tant li tal-lukanda kienu cemplu lill-attrici sabiex jghidulha li b'dak il-cake kien se jaqalhom il-livell u ghalhekk missierha kien hallas ghal xi affarijiet ohra.

Tghid li darba kienet cemplet lil zitu biex tghidilha li issa li se jizzewgu kien xieraq jghixu bhala familja izda hi kienet qaltilha li mhux veru li kellu tifel u li zgur ma kienx ser jizzewweg lill-attrici.

Tiftakar lill-attrici tirrakkontalha episodji fejn din iz-zija kienet tghidilha sabiex ittiha lit-tarbija sabiex taqflu, kif ukoll espisodju iehor fejn kienet cemplitilha tibki ghaliex l-konvenut kien resaq lejha b'xi tewm sabiex titlef it-tarbija. Tghid ukoll li meta twieldet it-tarbija, il-konvenut lanqas kien infurmahom u kien biss flghaxija li wahda min-nurses assiguratha li kien kollox sew.

Tghid li l-konvenut ma riedx jixtri libsa tal-maghmudija ghat-tifel u din inxtrat biss saghtejn qabel ic-cerimonja mill-attrici u missierha. Tghid ukoll li ghalkemm missier l-attrici riedu jghix maghhom, anke wara z-zwieg, il-konvenut baqa` jghix ma' zitu. Tghid li meta kien se jizzewweg hu l-konvenut, la l-konvenut u lanqas huh ma riedu lit-tifel, li dak iz-zmien kellu hames xhur, ghat-tieg. Tghid li meta it-tifel ghamel l-Ewwel Tqarbina l-konvenut la attenda u lanqas tah rigal.

Tghid li kienet marret ma' A sabiex tkellem lil Fr Walter biex jghinha tiftah ghajnejn il-konvenut dwar ir-responsabbiltajiet tieghu. Tghid li kemm A, kemm it-tifel u kif ukoll huma kienu qed ibatu psikologikament u finanazjarjament ghaliex kemm hi kif ukoll missier l-attrici kienu jghinuha finanzjarjament.

Tghid li A cemplitilha diversi drabi tibki, darba ghax saret taf li ser iwaqqfulha c-childrens' allowance minhabba li l-konvenut kellu ammonti kbar ta' flus fil-bank, darba ohra ghaliex irceviet ittra mill-Income Tax fejn inghad li kellhom taxxi sostanzjali dovuti minhabba kontijiet tal-bank mhux dikjarati, kif ukoll tiftakar li l-partijiet kellhom glieda meta l-attrici saret taf li l-konvenut sellef Lm3000 lit-tfajla ta' huh filwaqt li lilha ma kien jaghtiha xejn.

Tghid li l-glied bejniethom kien konsistenti tul is-snin taz-zwieg u li kienu ilhom de facto separati minn ftit jiem wara t-tieg stess.

PROVI TAL-KONVENUT

Il-**konvenut** jixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 54) u jghid inter alia, illi kemm l-affidavit ta’ omm A kif ukoll dak tal-habiba taghha huma bbazati fuq xenarji immaginarji u certament mhux fuq il-fatti kif verament graw. Jghid li fil-maggor parti taghhom dawn l-affidavits saru b’tali mod sabiex jaghmlu l-hsara u jizvantaggjawh u fl-istess hin jivvantaggjaw lill-attrici.
Jghid li r-relazzjoni taghhom ma setghtex timxi 'l quddiem ghal diversi ragunijiet u t-tnejn li huma kienu certi minnha. Jghid li minn ftit wara li saru jafu lil xulxin saru konxji tal-fatt li ma setghux inkomplu bir-relazzjoni ghax kienu dejjem

miggieldin u l-hin kollu jargumentaw dwar kull haga. Sahansitra jghid li l-gurnata tat-tieg taghhom kienet ikkaratterizzata b'tensjoni, argumenti u glied.

Jghid li darba fost l-ohrajn, ftit wara li kienu zzewgu kien xoghol ta' bil-lejl u f'hin minnhom kellu jmur id-dar waqt il-hin tas-shift fil-Mosta fejn kienu qed jghixu. Jghid li sab il-bieb imsakkar minn gewwa u beda jhabbat u hadd ma beda jwiegeb. Jghid li ftit tal-hin wara sema` lil A minn wara l-bieb tghidlu 'xi trid? X'gejt taghmel? Int mhux xoghol suppost qieghed?' Hi baqghet ma fethitlux u f'mument minnhom qaltlu fost kliem iehor b'ton isteriku 'mur u tigix aktar 'l hawn! Meta ser tohrog darba ghal dejjem minn hajti? Jien ma zzewwigtekx ghax kont inhobbok, u tafu dan!' Dan kien semghu diversi drabi anki b'mod ftit inqas dirett u sahansitra kien anke semaghha minghand terzi li kienu rrepetewlu dak li kienu semghu tghid A.

Jghid li kien igib quddiem ghajnejn it-tifel u li ghalih iz-zwieg kien tama li forsi l-affarijiet ta' bejniethom jitrangaw. Dan jghidu ghaliex sa ftit qabel li A saret taf li hija tqila kienu temmew r-relazzjoni taghhom. Jghid li zmien l-gherusija, fejn suppost wiehed ikun kuntent u herqan ghal pass li jmiss, kien zmien ikrah ghalih ghax kien ibbazat fuq ghira, glied dwar kull haga ta' xejn, tghajjir, suppervja, pussessivita' u impulsivita' da parti tal-attrici. Dejjem kellha f'mohhha li hemm xi mara ohra bejniethom. Din kienet wahda mir-ragunijiet principali u l-ostaklu ewlieni ghala ma setghux ikollhom relazzjoni sana. Fil-verita' jghid li ma kellu lil hadd.

Jghid li l-attrici kellha xi haga li kontinwament kienet qed izzommha anzjuza u kienet ittellifilha l-paci u tkissrilha hajjitha, u effettwat hazin lilu wkoll. Jghid li hija qatt ma kienet taccetta spjegazzjoni, anzi kien ikun aghar.

Jghid li hu bniedem pjuttost riservat u misthi – per ezempju huh ma kienx jaf li kien ghaddej minn proceduri ta' annullament. Kellu javvicinah sabiex jikkonfermalu wiehed mill-punti li qara fl-affidavits fejn intqal li hu ma kien stieden lil hadd minn naha tieghu sabiex ma jurix li kien ser jizzewweg ghajr ghal habib wiehed li hu hafna akbar minniu fiz-zmien. Jghid li huwa minnu li dan ir-ragel huwa akbar minnu fiz-zmien ghaliex hu u martu kienu l-hbieb tal-qalb ta' ommu u missieru. Hbieb fit-tieg kellu hafna kif ukoll zijiet li minnhom kienu gew hamsa jew sitta. Hamsa ohra ma setghux jigu, min minhabba kundizzjoni ta' sahha, min minhabba dizabilita' fizika u min minhabba li kienu kemmxejn imdahhlin fiz-zmien.

Jghid li fl- affidavitsipprezentati minn A intqal li l-helu ghat-tieg kien ghamlu hu ghax kien qammiel u biex iwaqqahom ghac-cajt. Jghid li omm A inzertat li kienet wahda minn dawk li fahhru x-xoghol tieghu u flimkien maghha kien hemm bosta mistednin li fahhruh. L-uniku dizgwid li kien hemm fuq hekk kien mal-lukanda

ghaliex hasbu li l-helu gie mixtri minghand kumpanija kompetitrici taghhom u mhux li kien ghamlu hu. Li kien gara kien li missier l-attrici, Charles, dak iz-zmien kien jahdem bhala manager gewwa azjenda li timmanifattura prodotti tal-ippakkjar u kien gabilhom kaxxi vojta tal-kejkijiet u l-helu mix-xoghol tieghu sabiex ikunu jistghu igorru l- kejkijiet u l-helu taghhom. Dawn il-kaxxi tal-kartun kellhom stampati fuqhom il-marka ta' kumpanija ohra li tipproduci l-helu u ghalhekk qalulu li ma kinux ser jaccettawhom. Izda mbaghad spjegawlhom kollox u accettaw.

Jghid li lanqas ritratt tat-tifel ta' meta kien zghir ma kienet thallih izomm ghax kienet tahseb li ser jurih lil xi hadd jew juzah biex jaghmel id-deni lit-tifel jew lilha. Jghid li l-attrici kella hafna hsibijiet hziena fuqu sew qabel ma twieled it-tifel kif ukoll wara li twieled. Jghid li lit-tifel kien baqa` jmur jarah sa ma nbidlu c-cirkostanzi u beda jonqos l-kuntatt b'mod gradwali. Rigward dan jghid li t-tnejn li huma ghandhom tort.

Jghid li t-tifel tieghu dejjem gie mcahhad mill-familja tieghu, fost skuzi ohra r-raguni principali kienet ghaliex il-familja tieghu tishet lil Claude. Jghid  li darba wara li kienu rawh huh u zitu, ghalkemm zitu kienet ghamja, sar jaf li A marret tigri ghand il-kappillan sabiex jitlob fuq it-tifel u jbierku li ma jmurx zitu lehqet ghamlitlu xi sahta.

Jghid li l-affidavitsipprezentati minn A jghidu kemm-il darba li hu kien xhieh. Jghid li ma jidirlux li bniedem li jixtri appartament wara li jizzewweg u jhallsu minn fondi li huma frott it-tfaddil parafemali tieghu jista' jitqies bhala xhih. Jghid li wara li zzewgu kien hallas ukoll id-djun (kambjali) li kien baqalha A fuq il-karozza taghha li kienet xtrat qabel ma zzewgu. Kull ma kellu mfaddal qabel iz-zwieg kien nefqu u kien baqalu biss xi haga zghira.

Rigward l-allegazzjoni li ried iwaqqaf it-tqala jghid li dak iz-zmien it-tnejn li huma ma xtaqux li gew f'dik is-sitwazzjoni specjalment minhabba l-fatt li t-tnejn kienu ddecidew li r-relazzjoni taghom kellha tintemm. Jghid li ma kienx ippreparat ghal din is-sitwazzjoni u xxukkja ruhu meta sar jaf li kienet tqila. Jghid li dam xi ftit biex accetta dik ir-realta'. Jghid li dan bl- ebda mod ma jfisser li ghamel l-affarijiet assurdi li ssemmew fl-affidavits ta' ommha u l-habiba taghha jew li ried iwaqqaf b'xi mod it-tqala.

Jghid illi jista' jkun li seta` jkun iktar ta' sostenn fil-perjodu tat-tqala ta' A pero' ma dan ma jfissirx li ma kienx prezenti. Kien jassisti ghal vizti gewwa l-klinika privata tal-ginekologu Montanaro Gauci f'Birkirkara, fejn kien ukoll jaghmel tajjeb ghall-ispejjez u dan apparti spejjez ohra relatati mat- tqala.

Jghid li x-xhieda tal-attrici jippruvaw jaghtu x'jifhem li ghandu zewg personalitajiet, mentri fil-fatt hafna mill-insinwazzjonijiet li jaghtu, ma ghandu l-ebda konoxxenza dwarhom.

Jghid li kemm omm l-attrici kif ukoll habibitha ma tantx ghamlu hin maghhom bhala koppja. Ommha kienet u ghadha tghix l-Ingilterra, mentri habibitha tghix gewwa Ghawdex.

Jghid b'certezza li l-ebda wahda minn dawn ix-xhieda ma kienu prezenti fir-relazzjoni taghhom ghajr ghal ftit mumenti brevi. Huma dejjem kienu wahedhom fir-relazzjoni taghhom. Din hija wkoll wahda mir-ragunijiet ghaliex hu ma ressaqx xhieda.

Jirrileva zewg punti dwar ir-rapport tal-Perita Psikologa Carmen Sammut li tghid li l-konkluzjoni taghha hija msejsa fuq il-laqghat li kellha mal-partijiet inkluz l-affidavits prezentati. Jghid li ma kellu l-ebda ideja li l-Perita Psikologa kellha dawn l-affidavits fil-pussess taghha u li kienet ser tiehu konjizzjoni taghhom. Kieku kien jiddiskuti l-istess affdavits maghha sabiex ikollu c-cans li jirribatti l-kontenut taghhom waqt is-sezzjonijiet li kellu maghha. Dan jghidu stante li dak li ntqal fl-affidavits xi ftit jew wisq ippregudika l-istadju sensittiv ta' analizi u il-konkluzjoni tal-Perita Psikologa.

B'riferenza wkoll ghar-rapport, jigbed l- attenzjoni ghal parti fejn gie kkwotajt hazin, forsi minhabba zball fl-ittajpjar jew inkella ghaliex inftiehem hazin, fejn tnizzel: '....jien ma ridtx nerfa' dik ir- responsabilita'. Jghid li ma qalx hekk jew jekk qal xi haga simili ma riedx ifisser hekk, tant hu hekk li hemm kuntrast qawwi ma' dak li tnizzel f'pagna hamsa ta' l-istess rapport fil-hdax-il-linja fejn hemm miktub 'fl-istess hin ma riedx jahrab ir-responsabilitajiet tieghu'. Jippreciza wkoll li fis-sitt linja ta pagna sitta tar-rapport din kellha tigi li ommu ma kinitx taqbel u mhux li kienet taqbel mal-preferenzi ta' missieru, peress li kif inkitbet giet tinftiehem il-kontra.

Fl-ahharnett jghid li hu kien konxju tad-dmirijiet tieghu sew bhala ragel kif ukoll bhala missier u certament kien jaf ghal xiex diehel u zgur li ma kienx hemm difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja matrimonjali da parti tieghu. Jghid illi meta hu u A kienu hbieb ir-relazzjoni taghhom kienet wahda normali izda bhala koppja A kienet tinbidel. Kien hemm hafna animozita', ghira u hemmhekk beda l-inkwiet. Jghid ukoll li l-atteggjament taghha nbidel f'atti odjuzi fil-konfront tieghu u certament la hu u lanqas A ma kien jixirqilhom hekk specjalment meta wiehed jikkonsidra dak li t-tnejn li huma kien ghaddew minnu qabel ma saru jafu lil xulxin.

IR-RAPPORT TAL-PERITA PSIKOLOGA

L-abbli Mrs Carmen Sammut, perita psikologa nominata minn din il-Qorti sabiex tirrelata dwar it-tielet premessa fir-rikors guramentat u r-riposta tal-konvenut ipprezentat ir-rapport taghha fis-26 ta' Ottubru 2015 (fol 34 et seq) u kkonkludiet:

*"Wara l-ftit laqghat li kelli mal-partijiet, kif ukoll meta nikkunsidra n-noti u x-xhieda tal-process, nixtieq naghmel din il-konkluzjoni:*

*Mill-informazzjoni li hareg mill-laqghat li kelli, u minn dawn l-ezamijiet psikologici taz-zewg partijiet, kif ukoll mill-affidavits prezentati, jidher li bhala psikologa klinika nista` nasal ghall-konkluzjoni li kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-dmirijiet essenzjali kif kontemplat fl-artiklu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, min-naha ta' C E. <u>Jidher li dahal ghaz-zwieg iktar ghax forsi ic-cirkostanzi ta' dak iz-zmien ghamluh jaraha bhala l-haga li wiehed ghandu jaghmel, minghajr ma fehem sew, u/jew minghajr ma wera rieda veru, li jinvolvi ruhu b'mod attiv f'dak li kien mistenni minnu meta jiehu dan l-istat."</u>* [sottolinear tal-Qorti]

KONSIDERAZZJONIJIET

L-attrici qed titlob li z-zwieg taghhom jigi annullat billi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, kif ukoll ghaliex il-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, skont l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenut jaqbel li z-zwieg jigi dikkjarat null izda dan unikament ghal ragunijiet imputabbli ghall-attrici.

Jibda biex jinghad illi l-gurisprudenza nostrana kostantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqqa. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgux, tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament tali zwieg ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost bil-ligi.

In tema legali jinghad li kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **C B vs Bernardette B** deciza fis-27 ta' Jannar 2006:

> *"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe' li ż- żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun*

*wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-*oneru *tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Kif enuncjat il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **D Farrugia vs Pauline Farrugia** deciza fit-28 ta' Lulju 1987:

*"...ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*

Dwar il-kawzali ta' qerq kontemplat fl-artikolu 19(1)(c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, issir referenza ghas-sentenza **Louis Agius vs Georgia Agius xebba Gauci**, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru 1988 fejn inghatat is-segwenti interpretazzjoni tal-istess kawzali:

*"Hu ovvju li hawn qeghdin fil-kamp ta' 'moral substitution' u kif spjegat mill- awturi (Ara* ***Wrenn L.*** *"Annullment" p 82 et seq.) din tissussisti "when the quality is (I) an inherent property of the person and not some isolated past action; (II) present at the time of the wedding; (III) grave either objectively or subjectively; (IV) unknown to the other party; (V) fraudulently concealed for the purpose of obtaining marital consent. Lastly the quality must provoke a crisis on discovery; otherwise the presumption would be that the error was not in fact substantial."*

Din is-sentenza giet iccitata b'approvazzjoni fil-kawza **Stephen Sciberras vs Av. Dr. Francesco Depasquale et. Noe** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2002, fejn inghad hekk:-

*"Dan l-insenjament segwa dak tat-Tribunal Ekklezjastiku fil-proceduri bejn l- stess koppja. Cionostante anke jekk l-Att taz-Zwieg iddivorzja ghal kollox il-process civili dwar l-annullament mill-process kanoniku, eppure l-istess insenjament tad-dritt kanoniku ma jistax jigi skartat ghal kollox;"*

*Fix-xoghol tieghu "Il Dolo nel Matrimonio Canonico"[2], Nikolaus Schoch jispjega illi id-dottrina dwar il-qerq u l-kunsens fiz-zwieg kanoniku tmur lura ghal kanonistika medjevali. Jiddefinixxi l-elementi tad-"dolo vizio" bhala "la deliberata voluntas, la malafede e l'azione esterna del deceptor come il suo elemento oggettivo."*

2 Antonianum, 73/1 (1998) p.194-197 (Pontificia Universita' Antonianum).

Maghdud dan, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Micallef Pierina vs Bentanfous Amor** deciza fid-9 ta' Dicembru 2002 fejn il-Qorti sahqet:

> *"Kwantu ghal "qerq" prospettat fis-subinciz (c) ghall-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)),………….. "Il raggiro dev'essere capace di allontanare la ragione e sopraffare la volonta`" (Vol. XXIV P II p 578)."*

Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija fid-29 ta' Novembru 2013 fl-ismijiet **Isabelle Rossi vs Michael Rossi** fejn il-Qorti tal-Appell ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:-

> *"L-ewwel kawzali u cioe` s-subinciz (c) huwa dak tal-qerq; din il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li ma tirriskontra ebda qerq, fis-sens moghti mill- gurisprudenza nostrali, fl-atti tal-kawza. Fir-rigward tas-subinciz (c) infatti l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Mary Farrugia v. C Farrugia (13 ta' Marzu 1995) qalet illi: "Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvistat fil-paragrafu inkwistjoni iridu jikkonkorru erbgha affarijiet;*
> *1. Il-qerq ipperpetrat bil-hsieb li jikseb il-kunsens tal-parti;*
> *2. Li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;*
> *3. Li l-qerq ikun jirrigwardja xi kwalita' tal-parti l-ohra u*
> *4. Li din il-kwalita' tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."*

Fi kliem iehor, irid ikun hemm l-intenzjoni pozittiva ta' wahda mill-partijiet li tikkonvinci lill-ohra tersaq ghaz-zwieg tramite raggiri li jqarrqu biha, bhal per ezempju billi jinhbew difetti serji jew jigu vantati pregji li ma jezistux.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li f'din il-kawza ma gie b'ebda mod ippruvat illi l-kunsens tal-attrici ttiehed b'qerq dwar xi kwalita` tal-konvenut li seta` jfixkel b'mod gravi l-hajja mizzewwga. Ghal kuntrarju, jirrizulta mill-provi tal-attrici stess illi sa mill-bidu nett l-konvenut ma ghamel xejn sabiex jahbi l-karattru tieghu u l-atteggjament indifferenti lejha u lejn binhom. Ma rrizulta ebda dolo ezercitat mill-konvenut ghall-fini illi jottjeni l-kunsens matrimonjali da parti taghha.

Din il-kawzali qeghdha ghalhekk tigi respinta.

Dwar il-kawzali skond l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 inghad fil-kawza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2003:

> *"Il-kuncett tad-'discretio judici' ma jirrekjedhiex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-giudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghamilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u ir-responsabiltajiet li jgib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom."*

Fil-kawza **Melanie E Cachia vs C E** deciza mill-Prim Awla talQorti Civili fis 26 ta' Ottubru 2000 ntqal:

> *"Id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga."*

Fil-kawza **Alessandra sive Sandra McMonagale qabel Mamo vs Mario Mamo** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2000 ntqal inter aliavs-segwenti:

*"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta'giudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostiuzzjonali li wiehed jaghraf u jirrefletti u li jiddecidi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*

Aktar recenti, f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Simon Cusens vs Romina Cusens** (citaz nru 140/10RGM) moghtija fit-12 ta' Frar 2016 li permezz taghha giet konfermata sentenza moghtija fil-prim' istanza intqal illi :-

> *"40. In propozitu jinsab ritenut fil-kawza Appell Civili Josette Spiteri v George Spiteri [Vol.LXXXV.II.81] li fil-gurisprudenza patria jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta*

*li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b'mod sostanzjali, jew ahjar "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritikovalutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju [Prim'Awla Selina CVella Haber v. C Gatt – 15.4.1996].*

*41. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-**inkapacita` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku]** (emfasis ta' din il-Qorti) jew konstituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali li tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta` tal-ghazla, li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha.*

*42. Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi pprovat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta.*

*43. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." [Bersini - citat fil-kawza Prim'Awla Angela Spiteri Selvaggi v. C Spiteri deciza 4.11.1994].L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli diretta ghall-komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied. Din il-kapacita` li jassumi dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. [Prim'Awla Charles Atkins v. Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

*44. Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita` ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita` jew edukazzjoni, izda talanqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg [Prim'Awla Melanie E*

*Cardona v. C E deciza 29.10.2003] [vide ukoll Appell Civili Caroline Grech v. Ian E, deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati].*

*45. L-immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento, ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena" [Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrajn citati fil-kawza Prim'Awla Nicholas Agius v. Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza Appell Civili Caroline Grech v. Ian E deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006] supra].*

*46. Inoltre, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita` affettiva li jimporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" [Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza Appell Civili Raymond Theuma v. Carmen Theuma deciza 27 ta' Jannar 2006]."*

Ferm il-premess, din il-Qorti taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet. Fl-ewwel lok tosserva illi filwaqt illi l-affidavit tal-attrici jaghti stampa konciza u pjuttost skarsa tal-fatti, ommha Carmen B u l-habiba taghha Cine Anne B jelaboraw u jirrelataw bosta incidenti mill-hajja tal-partijiet. Il-Qorti tinnota li parti kbira mix-xhieda taghhom taqa` taht il-kappa ta' *detto del detto* in kwanti jirrelataw dak li allegatament nghad lilhom mill-attrici u mhux dak li raw jew smeghu personalment. Din il-Qorti ghalhekk sejra tiehu in konsiderazzjoni biss dawk il-partijiet mix-xhieda taghhom li huma jirrelataw personalment.
Mill-provi attrici jirrizultaw b'mod lampanti illi l-konvenut qatt ma raha z-zwieg bhala komunjoni u kondivizjoni. Dan jirrizulta l-aktar mill-fatt illi huwa qatt ma ried jghix flimkien mal-attrici u ma' binhom, anke wara li xtraw post flimkien. Jirrizulta wkoll illi huwa ma kienx jikkontribwixxi la moralment u lanqas finanzjarjament ghall-bzonnijiet tal-familja. Fl-affidavit tieghu jirrileva illi x-xhieda mressqa mill-attrici jaghmlu distorsjoni tal-fatti u jpinguh bhala persuna li ma huwiex, u li kieku kien jaf illi l-esperta psikologa kien se jkollha f'idejha dawn

il-provi, kien jiddiskutihom u jirribattihom maghha. Din il-Qorti izda tinnota li mhux biss il-konvenut ghazel li ma jaghmilx il-kontro-ezamijiet lix-xhieda tal-attrici, izda lanqas ma ghazel li jeskuti lill-psikologa msemmija.

Din il-Qorti tinnota wkoll li ghalkemm jirribatti x-xhieda mressqa mill-attrici meta dawn jghidu li kien xhih fil-flus, jew li ried itemm it-tqala tal-attrici, ma jirribattiex l-asserzjoni tant gravi illi huwa baqa` jghix ghal rasu anke wara z-zwieg, li ma kienx jikkontribwixxi ghal-bzonnijiet finanzjarji taghhom jew li ma kienx ikun prezenti fil-hajja ta' binhom. Huwa jtenni wkoll li fejn f'pagna tlieta tar-rapport tnizzel il-kliem *"...jien ma ridtx nerfa` dik ir-responsabbilta"* huwa ma kienx qal hekk jew jekk qal xi haga simili ma riedx ifisser hekk, izda jonqos milli jispjega kif u b'liema mod huwa assuma r-responsabbiltajiet tieghu ta' ragel mizzewweg u ta' missier.

Il-perita psikologa kkonkludiet illi l-konvenut tassew kien afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja martimonjali u fuq id-dmirijiet essenjali taghha, u din il-Qorti tikkondividi din il-konkluzjoni. Dan id-difett ta' diskrezzjoni wassal sabiex il-konvenut ma jifhimx fiex jikkonsisti l-*consortium vitae* b'dan illi gew nieqsa ghal kollox fih il-kondivizjoni konjugali u r-responsabbilita' tal-familja.

In materja ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell **Josette Spiteri vs George Spiteri** [*Vol.LXXXV.II.81][Pg 93], fejn inghad:

> *"Id-determinazzjoni o meno jekk persuna kienitx jew le affetta minn xi anomalija psikologika serja, kellha tigi qabel xejn stabbilita' b' ezami psikjatriku u/jew psikologiku minn persuna kwalifikata li setghet tirrilaxxja tali certifikat.*
>
> *Filwaqt li l-gudikant ma hux obbligat li jistrieh fuq r-rapport mediku xjentifiku li jista' ma jaddottax, anzi fit-teorija jista' jiddisponi minn tali ezami, certament "kien ferm desiderabbli l-l-Qorti, fejn ic-cirkostanzi kienj tali li l-mertu tal-kawza jkun finalment jiddependi minn perizija ta' din ix-xorta, li tinkariga espert in materja biex jirrelata dwar kawzali teknika bhal din".*

Din il-Qorti ghalhekk, abbazi tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, kif ukoll konfortata mill-konkluzjonijiet mediko-xjentifici tal-abbli psikologa minnha appuntata, hija tal-fehma meqjusa illi tassew gie ppruvat fil-konvenut nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ai termini tal-Artiklu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fit-3 ta' Lulju 1998 stante li l-kunsens tal-konvenut kien ivvizjat minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u dan ai termini tal-Artiklu 19(1)(d) tal-Kap 255 ta-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**